MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Talba Numru. 1049/2005

**Anglu Pace (I.D. 570447M), Joseph Pace (I.D. 478336M) u Mary Xuereb (I.D. 411043M)**

**Vs**

**Carmelo Pace (I.D. 508237M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mitejn u sbatax-il lira Maltin (Lm1,217) rapprezentanti s-sehem tal-konvenut minn spejjez, bolol u taxxa dovuti minnu stess in konnessjoni ta' att pubbliku ta' divizjoni datat 25 ta' Frar, 2005 in atti Nutar Dr Bartolomeo Micallef.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mitejn u sbatax-il lira Maltin (Lm1,217), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------